KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

ID-DISA' LEĠISLATURA

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

Laqgħa Numru 43/2026

Data: It-Tnejn 28 ta' Settembru 2026

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

Preżenti:	Sur Clayton Cascun Portelli	Sindku
	Sur Charles Bonello (18:00 hrs)	Kunsillier
	Sur Ray Deguara	Kunsillier
	Sur Mark Lombardo	Kunsillier
	Sur Izak Catania De Giovanni (17:31 hrs)	Kunsillier
	Sa Josianne Scicluna	Kunsilliera
	Dott Ryan Ellul	Kunsillier
	Sur Adrian Tanti	Kunsillier
Skużat/i:		
Assenti:	Chev Darren Marmara	Viċi Sindku
	Dott Ivan Meli	Avukat tal-Kunsill
	Sa Diandra Grech	Segretarju Eżekuttiv
	Sa Ann Marie Gatt	Deputat Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

43.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

43.2 MINUTI

43.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

43.4 KORRISPONDENZA

43.5 PLANNING AUTHORITY

43.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

43.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

43.8 MISTOQSIJIET

43.9 MOZZJONIJIET

43.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

43.11 FINANZI

43.12 TRAFFIC MANAGEMENT

43.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

43.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

43.15 STAFF

43.16 PURCHASE REQUEST FORM

43.17 ĦLASIJIET

43.18 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30, bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil dawk preżenti.

43.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

43.1.1 Kien hemm tliet talbiet ta' apoloġija li kienu tal-laqgħa preċedenti li nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2026 ma saritx minħabba nuqqas ta' 'quorum'. Dawn kienu mingħand il-Kuns C Bonello, il-Kuns M Lombardo u l-Kuns J Scicluna minħabba li kellhom impenji oħra. Il-Kunsill approva dawn it-talbiet.

43.2 MINUTI

43.2.1 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7499/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-minuti tal-laqgħa 41/2026 bid-data 26 ta' Awwissu 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.2.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7500/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-minuti tal-laqgħa 42/2026 bid-data 28 ta' Awwissu 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

43.3.1 Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

43.4 KORRISPONDENZA

43.4.1 Is-Sindku nforma l-kamra dwar korrispondenza mingħand l-MEP Peter Agius u laqgħa għal dawk kollha li jaħdmu l-artiġjanat f'Malta u għalhekk kien mitlub li jiġu nnominati nies tal-lokal li huma artiġjani, manufatturi u persuni tas-sengħa. Is-Sindku qal li ma jsibx oġġezzjoni sabiex jibbenefikaw minnha. Il- Kuns M Lombardo ssuġġerixxa lis-Sur Gabriel Farrugia u lis-Sur Aldo Consiglio.

43.5 PLANNING AUTHORITY

43.5.1 Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva l-permess tal-Planning Authority ta' Triq Xemx u Qamar'. Il-Kuns M Lombardo qal li kienu tkellmu mal-propjetarju fejn kien qalilhom li se jagħmel xi komunità. Il-Kuns R Ellul ukoll ikkonferma li kien suppost kellu jkun hemm qbil li kellha tingħata biċċa. Għalhekk

is-Sindku talab sabiex nitolbu lic-'CEO' Matthew Zahra aktar informazzjoni u ngħarrfuhom dwar il-qbil li kien hemm mal-Kunsill Lokali.

43.5.2 Is-Sindku nforma l-kamra li ltaqa' mas-sidien ta' Piscopo li huma propjetarji tal-art ta' wara l- B4 Textiles, fejn saret laqgħa mal-periti u bl-avukati taż-żewġ partijiet. Is-Sindku saħaq li waqt din il-laqgħa lil propjetarji fhiemhom li bħala Kunsill irid jisma' lin-nies u jara x'inhi l-esiġenza tan-nies. Il-proġett bħalissa qiegħed wieqaf, iżda l-proġett bis-sħiħ qiegħed jimxi ma' 'DC 15'. Is-Sindku qal li jekk il-proġett jinqasam u ma jsirx wieħed olistiku, hekk kif qiegħed attwalment maħsub, dan se jiġi approvat. Jekk il-Kunsill se jibqa' b'din l-oġġezzjoni, il-propjetarji lesti li jgħaddu għat-tieni fażi sabiex dan il-proġett jinqasam f'ħafna sezzjonijiet ta' 4+1. Is-Sindku qal li ma jinsabx komdu b'binja massiva. Il-propjetarji kienu mxew mat-talba tal-Kunsill preċedenti, iżda l-Planning Authority waqqfu dan il-proġett, għalhekk iddaħħlu l-pjanti kif qed jiġu preżentati issa. Is-Sindku saħaq li bħala Kunsill mexa mal-minuti tal-leġislatura preċedenti. Is-Sindku semma wkoll li waqt il-laqgħa ġie offrut lill-Kunsill aċċess għax-xelter li jinsab f'din il-proprjetà. Il-Kuns R Deguara staqsa jekk dan jaqax taħt wirt nazzjonali, iżda l-Kuns R Ellul ikkonferma li ġaladarba qiegħed fil-proprjetà tiegħu u ma nstabux xi fdalijiet li hemm jidħlu l-'Heritage Malta', għalhekk ma jistax jitqies bħala wirt nazzjonali. Is-Sindku ippropona sabiex tintbagħat korrispondenza lill-perit sabiex ikun jista' jmexxi lil Kunsill fuq din, u l-kamra qablet.

43.5.3 Is-Sindku nforma l-kamra dwar korrispondenza mingħand il-Kuns M Lombardo rigward il-Krematorju u d-diżapprovazzjoni tal-Kunsill għal dan il-proġett viċin din il-lokalità. Is-Sindku saħaq li jaqbel ma' din id-diżapprovazzjoni minħabba rwejjaħ oħra li diġà jinxtammu fil-lokalità tagħna li ġejjin minn postijiet oħra. Qal ukoll li hu jaqbel li jsir krematorju iżda għandhom jintużaw mezzi oħra sabiex jinħarqu l-fdalijiet.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7501/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill Lokali joħrog stqarrija li bħala Kunsill nuru solidarjeta' mal-Kunsill Lokali ta' Paola dwar issue tal-krematorju u waqt li nitolbu sabiex jekk iseħħ il-proġett, l-awtoritajiet jesploraw mezzi oħra bħal hydrogen sabiex inaqqsu l-inkonvenjent għall-lokalitajiet tal-madwar.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

43.6.1 Is-Sindku nforma l-kamra li jista' jintagħżel membru tal-Kunsill tal-età bejn tmintax u tletin sena sabiex jattendi 'YMCA Youth Camp'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7502/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova lill-Kunsillier Izak Catania De Giovanni biex jattendi Youth Camp ġewwa Franza bejn 26-31 ta' Ottubru 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.6.2 Is-Sindku informa l-kamra dwar kommunikazzjoni mid-Dipartiment dwar l-inizjattiva biex jingħata l-vaċċin tal-influwenza.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7503/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqa t-talba tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tingħata l-injection tal-influwenza ġewwa l-binja tal-Kunsill Lokali Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Kuns J Scicluna.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.6.3 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7504/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jipparteċipa fl-iSports Integrity in the Community li ġejjin fis-sena 2027.'

Din kienet sekondata mill-Kuns A Tanti.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.6.4 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7505/26/9** 'Dan il-Kunsill jaqbel mal-proposta Erasmus+ Opprtunity for Municipal Representatives. Din hija miftuħa għall-Kunsilliera kollha kif ukoll lis-Sur Christian Brincat li huwa rappreżentant tal-Youth Centre Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

43.7.1 Il- Kuns J Scicluna talbet sabiex għal sena oħra tarġa tinxtgħel il-binja tal-Kunsill bir-roża f'Ottubru u bil-blu f'Novembru, wara kommunikazzjoni mal-Marigold Foundation bħala turija ta' solidarjetà ma' dawk li għaddejjin mill-mard tal-kanċer.

Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **7506/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill għax-xahar ta' Ottubru kif ukoll Novembru 2026, il-binja tal-Kunsill tinxtegħel kemm roża kif ukoll blu għall-għarfien tal-kanċer.'

Din kienet sekondata mill-Kuns J Scicluna.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.7.2 Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref : **7507/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova s-somma ta' €600 għall-attività tat-tberik tal-annimali li ser issir fl-4 ta' Ottubru 2026 fuq iz-zuntier tal-knisja fl-10:30am.'

Din kienet sekondata mill-Kuns A Tanti.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.7.3 Is-Sindku ħabbar li r-Reġjun Port ħareġ b'applikazzjoni ta' investiment ta' €20,000 sabiex isir proġett. Wara ħafna lmenti li rċieva s-Sindku mingħand ġenituri li jistennew tfal li joħorġu mill-iskola, staqsa hux possibbli li bħala Kunsill Lokali jsir proġett ta' tined mekkanizzati li jinfetħu fil-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal mill-iskola.

Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **7508/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għall-proġett ta' tined mekkanizzati biswit l-iskola Primarja fi Triq il-Kitba b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Port.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns R Ellul ħareġ mill-kamra fis-18:07 hrs.

Il-Kuns J Scicluna talbet li tkun skużata mill-kamra hekk kif ma setgħetx tibqa' sal-aħħar tal-laqgħa minħabba mpenji ta' xogħol, fejn it-talba tagħha ġiet milqugħa. Il-Kuns J Scicluna ħarġet mill-kamra fis-18:10 hrs.

43.7.4 Is-Sindku nforma l-kamra dwar l-opinjoni li l-Kunsill ressaq quddiem l-Ombudsman tas-Sur Julian Long u li kien ser jiġi diskuss waqt din il-laqgħa. Il-

Kunsill jilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombdusman, iżda anke jekk l-Ombudsman ddeċidiet favur is-Sur Long, ma jfissirx li l-Kunsill jaqbel li għandu jħallas. Is-Sindku qal li tkellem mal-avukat tal-Kunsill hekk kif seħħ fi Triq il-Bieb, minkejja RWP, l-entità naqset li t-trinka terġa titgħatta bit-tarmak. Din kellha tkun responsabbiltà tal-entita' li applikat għall-RWP. L-avukat kien tal-parir li jekk is-Sur Long jagħżel li tinfetaħ kawża l-qorti, il-Kunsill jirrappreżenta d-dokumenti meħtieġa li juru li l-RWP kien taħt applikazzjoni ta' entità oħra.

Is-Sindku talab sabiex tiġi sospiża l-laqgħa fis-18:15 hrs minħabba protezzjoni tad-data.

Il-Kuns R Ellul daħal lura fil-kamra fis-18:25 hrs.

Is-Sindku talab sabiex titkompla l-laqgħa fis-18:33 hrs.

43.7.5 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7509/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova żieda ta' €210 mal-ammont diġa approvat fil-mozzjoni 7431/26/9, relatati mal-ispiża tal-inġenji tal-festa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.7.6 Is-Sindku nforma l-kamra li ġie diskuss mad-Dipartiment rigward il-monument il-Kbir, u dawn pproponew li flok isiru ħafna tenders sabiex isir dan il-proġett, jingħata b' 'Artistic Merit'. Dan ifisser li hekk kif il- Kunsill jagħżel l-artist, imbagħad l-artist jiddeċiedi ma' min jaħdem sabiex jitlesta l-proġett. Il-Kuns C Bonello saħaq li l-materjal li għandu jintuża, jrid jintagħżel mill-Kunsill. Is-Sindku qabel li dan hekk isir, u l-Kuns C Bonello qabel sakemm ikun hemm il-prezzijiet kif suppost u li l-proġett ser jieħu ħsiebu l-artist bis-sħiħ.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7510/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova li ssir Direct Order, għall-għażla tal-artist għall-Monument tal-Madonna li se jsir fi Triq Hompesch k/m Triq Ħaż-Żabbar k/m Triq San Tumas. (Artistic Merit)'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.7.7 Is-Sindku nforma l-kamra dwar talba sabiex tintuża s-sala tal-Kunsill mill-Fgura Scout Group fis-16 ta' Ottubru 2026 bejn is-6:00pm u 9:00pm. Minħabba li hi għaqda tal-lokal, din tiġi mgħotija bla ħlas.

43.7.8 Is-Sindku nforma l-kamra li ltaqa' ma persuna li torganizza 'street football' u nforma li din il-persuna ġabet 'sponsors' sabiex torganizza 'European Week of

Sport' fil-lokalità tal-Fgura, fil-'basketball court'. L-ispejjeż huma kollha għal minn ser jorganizza u l-attività miftuħa għall-pubbliku.

43.7.9 Is-Sindku nforma l-kamra li rċieva korrispondenza mingħand 'clerk' li taħdem mal-Kunsill Lokali dwar l-imġieba ta' membru tal-Kunsill. Il-'clerk' uriet dispjaċir għal mod dispreġattiv li bih ġiet indirizzata. Is-Sindku kien ċar li jekk din il-persuna terġa ġġib ruħha b'dan l-istess mod, allura l-'clerk' għandha kull dritt ma tkellimhiex. Il-Kuns C Bonello staqsa lis-Sindku hux lest li jsemmi l-isem ta' dan il-Kunsillier, u kompla billi saħaq li lest li jiddikjara li ma kienx hu li kellu din l-imġieba. Il-Kuns A Tanti saħaq li għandha tinstema' l-parti l-oħra ta' dak li ġara. Il-Kuns C Bonello qal li mhux ser jidħol fil-mertu ta' min għandu raġun. Is-Sindku ma kellu l-ebda problema li jsemmi l-isem tal-Kunsillier u qal li dan kien il-Viċi Sindku. Is-Sindku żied jgħid li għal kuntrarju ta' dawk preżenti fil-kamra, li dejjem jiġi ikkupjat fl-imejls, il-Viċi Sindku ma jikkupjax lis-Sindku fil-korrispondenza u għaldaqstant is-Sindku ħareġ ordni li kull korrispondenza li tintbagħat min-naħa tal-Viċi Sindku, għandu mmedjatament jiġi kkupjat hu fil-korrispondenza. Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tavża lil 'clerk' li jekk tixtieq tipproċedi, tista' tipproċedi.

43.7.10 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7511/26/9** 'Il-Kunsill Lokali jinnota li bejn Jannar 2026 u Awwissu 2026, dawn il-Kunsilliera kienu assenti u/ jew skużati hekk kif indikat hawn isfel: Total ta' 10-il laqgħat: Viċi Sindku Darren Marmara - 21/01/2026, 26/01/2026, 25/02/2026, 24/03/2026, 22/04/2026, 27/05/2026, 24/06/2026, 29/07/2026, 26/08/2026, 28/08/2026 (total ta' 10 laqgħat). Peress li skond artiklu 18 tal-Liġi (Kap 363), il-Kunsill Lokali obbligat li jirraporta lil dawk il-Kunsilliera li jkunu naqqsu 4 laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill Lokali u/jew iktar minn terz tal-laqgħat li jkunu saru fi żmien 6 xhur, dan il-Kunsill qed jirreferi l-każ ta' dawn il-Kunsilliera għall-konsiderazzjoni tal-Ministru. Għalhekk inħossu li għandha tiġi għall-attenzjoni tal-Ministru biex l-irwol tal-Viċi Sindku ma jibqax irwol vakanti waqt il-laqgħat tal-Kunsill.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'6 voti favur u astenzjoni.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Sindku, Kuns C Bonello, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns R Ellul

Astenzjoni – Kuns A Tanti

43.7.11 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7512/26/9** 'Il-Kunsill Lokali jinnota li bejn Jannar 2026 u Awwissu 2026, dawn il-Kunsilliera kienu assenti u/ jew skużati hekk kif indikat hawn isfel: Total ta' 10-il laqgħat: Adrian Tanti - 21/01/2026, 25/02/2026, 22/04/2026, 27/05/2026, 29/07/2026, 26/08/2026, 28/08/2026 (total ta' 7 laqgħat). Peress li skond artiklu 18 tal-Liġi (Kap 363), il-Kunsill Lokali obbligat li jirraporta lil dawk il-Kunsilliera li jkunu naqqsu 4 laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill Lokali u/jew iktar minn terz tal-laqgħat li jkunu saru fi żmien 6 xhur, dan il-Kunsill qed jirreferi l-każ ta' dawn il-Kunsilliera għall-konsiderazzjoni tal-Ministru. F'dan il-każ, il-Kunsill jemmen li l-assenza kienet ġustifikata, għalhekk il-Kunsillier Tanti għandu jżomm postu.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'6 voti favur u astenzjoni.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Sindku, Kuns C Bonello, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns R Ellul

Astenzjoni – Kuns A Tanti

43.7.12 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7513/26/9** 'Il-Kunsill Lokali jinnota li bejn Jannar 2026 u Awwissu 2026, dawn il-Kunsilliera kienu assenti u/ jew skużati hekk kif indikat hawn isfel: Total ta' 10-il laqgħat: Izak Catania De Giovanni - 21/01/2026, 26/01/2026, 25/02/2026, 22/04/2026, 24/06/2026, 29/07/2026, 26/08/2026 (total ta' 7 laqgħat). Peress li skond artiklu 18 tal-Liġi (Kap 363), il-Kunsill Lokali obbligat li jirraporta lil dawk il-Kunsilliera li jkunu naqqsu 4 laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill Lokali u/jew iktar minn terz tal-laqgħat li jkunu saru fi żmien 6 xhur, dan il-Kunsill qed jirreferi l-każ ta' dawn il-Kunsilliera għall-konsiderazzjoni tal-Ministru. F'dan il-każ, il-Kunsill jemmen li l-assenza kienet ġustifikata, għalhekk il-Kunsillier De Giovanni għandu jżomm postu.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'6 voti favur u astenzjoni.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Sindku, Kuns C Bonello, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns R Ellul, Kuns A Tanti

Astenzjoni – Kuns I Catania De Giovanni

43.7.13 Is-Sindku nforma l-kamra li tkellem ma' persuna rigward il-presepju tal-Milied, u li dan lest li jagħmel żewġ pasturi tal-'fiber' kbar u mlibbsin bid-drapp. Il-Kuns C Bonello staqsa dwar il-bambin, u s-Sindku qal li diġà hemm bambin li kien ġie rregalat mingħand is-Sur Bezzina. Il-Kunsill ġie offrut li jħallas nofs il-pagament din is-sena u l-bqija fil-bidu tas-sena 2027. Il-Kuns C Bonello qal li jaqbel, suġġett li jaraw id-disinn minn qabel.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7514/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova il-kwotazzjoni ta' €4,720 għall-ħidma ta' żewġ pasturi biex jintużaw fil-presepju ħaj. Id-disinn għandu jintbagħat qabel għall-approvazzjoni.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.7.14 Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill qed ikollu nuqqas t'esponiment fil-midja soċjali, u għalhekk talab lit-tenderor is-Sur Brignone, sabiex iġib xi kwotazzjonijiet għal 'videographer' u 'camera person'. Dan ma jfissirx li dawn lokali għandhom jinqatgħu, iżda dan għal meta ssir konferenza jew affarijiet ta' midja jkun jista' jassisti l-Kunsill. Is-Sindku talab li ma jinqabiżx l-ammont ta' €5,000 fis-sena. Il-Kuns C Bonello staqsa għal liema avvenimenti ser ikun qed jintuża dan is-servizz. Is-Sindku ssuġġerixxa għall-avvenimenti l-kbar. Il- Kuns C Bonello saħaq li kien xettiku hekk kif jekk ser jintuża s-servizz fit-tul, l-ammont ser jintlaħaq malajr, għalhekk issuġġerixxa li jisemmew l-attivitajiet li għalihom jista' jintuża dan is-servizz.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7515/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa għall-kontenut tal-media fil-Mixegħla, Jum il-Fgura, Karnival, Proġetti Kapitali, Festa tat-Tfal, Pjazza fil-Milied, Tberik tal-Annimali u Fgura Day Centre.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.7.15 Is-Sindku nforma l-kamra li reġa far id-drenaġġ tal-Kunsill u bagħat għal kwotazzjoni sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni biex titranġa din il-problema.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7516/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova kwotazzjoni ta' manutenzjoni tas-sistema tad-dranaġġ li tammonta għal €160.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.7.16 Is-Sindku nforma l-kamra li reġgħet tqaċċtet il-bandla fil-bandli ta' Pjazza Patri Redent Gauci. Il-Kuns C Bonello staqsa jekk hemmx kameras, iżda s-Sindku nfurmah li l-persuni li jiġu jidhru fuq il-kameras, ma jingħarfux.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7517/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova kwotazzjoni ta' manutenzjoni tal-bandli fi Ġnien Redent Gauci għall-installazzjoni tas-seat tal-bandla bi prezz ta' €436.60.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.7.17 Is-Sindku nforma l-kamra li anke t-tapit tal-lakstu li jinsab fil-bandli ta' Pjazza Patri Redent Gauċi għandu bżonn manutenzjoni.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7518/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova kwotazzjoni ta' manutenzjoni tal-bandli fi Pjazza Redent Gauci għall-installazzjoni tat-tapit tal-lakstu bi prezz ta' €1,150.50.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.7.18 Is-Sindku reġa spjega dak li ntqal f'minuta numru **43.5.2** fil-preżenza tal-Kuns C Bonello. Il- Kuns C Bonello qal li l-mistoqsija f'dik il-laqgħa li saret, hi jekk kienux qed jimxu mal-proċedura tal- Planning Authority u dan kien li iva, il-permessi kienu kollha skont il-'local planning'. Il-Kuns C Bonello kompla jgħid li m'hemmx bażi fuq x'hiex nappellaw, jaqbel li hija aħjar li jkun hemm blokka waħda olistika milli 23 blokka separati, u anke n-numru tal-appartamenti hemm ċans li jkunu jekk mhux l-istess, iżjed. Il-Kuns C Bonello qal li nżommu relazzjoni tajba mal-propjetarji, kif ukoll huma magħna u l-akkwist ikun mirbuħ.

Is-Sindku semma ż-żona tal-qtates u ġibed l-attenzjoni lill-Kuns A Tanti li dik il-biċċa mhux ser titwaqqa u ser idur ma' dik il-parti. Il-Kuns C Bonello saħaq fejn negozjanti oħra taw il-biċċa tagħhom.

Il- Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7519/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill iwaqqa l-oġġezzjoni tal-permess tal-PA 650/24 bil-premessa li l-entratura għax-xelter tkun tmiss mat-triq. Din l-oġġezzjoni qed taqa wara diskussjonijiet u pariri mill-avukat u l-perit tal-Kunsill li l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji kollha tal-local plan.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.8 MISTOQSIJIET

43.8.1 Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

43.9 MOZZJONIJIET

43.9.1 Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

43.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

43.10.1 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7520/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill iġedded il-kuntratt ta' DPO għal sena oħra skond kif jippermetti il-kuntratt.'

Din kienet sekondata mil- Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.10.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7521/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill iġedded il-kuntratt tat-Tenderer għal sena oħra.'

Din kienet sekondata mill- Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.10.3 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7522/26/9** 'Sabiex jiġġedded Co-operation agreement tal-librerija bejn żewġ partijiet - il-Kunsill u l-Malta Libraries.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.11 FINANZI

43.11.1 Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

43.12 TRAFFIC MANAGEMENT

43.12.1 Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva talba sabiex isiru 'unloading bays' fi Triq San Tumas u oħra fi Triq Kampanella. Is-Sindku qal li dawn ser jintbagħtu lura li l-Kunsill ma jaċċettax. Is-sindku żied jgħid li jekk ta' Triq Kampanella tiġi approvata minn Transport Malta, is-Sindku ser ikun l-ewwel wieħed li jitlob il-Kunsill Lokali biex tinħareġ stqarrija. Il- Kuns C Bonello ikkonferma għal liema ħanut qed issir it-talba, u jidher li kien hemm qbil li din it-talba ma tiġix milqugħa.

43.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

43.13.1 Is-Sindku nforma l-kamra li l-proġett fi Triq A.M. Valperga miexi. Ix-xogħol fi Triq San Mikiel miexi wkoll u ser jaqbdu t-triq ta' taħt biswit Mater Boni Consilii, biex jinqalgħu l-bankini wkoll. Is-Sindku qal ukoll li l-ġimgħa d-dieħla ser tinbeda Triq il-Karmelitani, fejn hawnhekk ser jibda proġett mill-'main road' sa Pjazza Reggie Miller. Dawn il-proġetti għandhom jitlestew sal-bidu ta' Diċembru.

43.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

43.2.1 Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu.

Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7523/26/9** 'Sabiex jinxtara it-tieni air-conditioner għas-sala 34 BTU mingħand l-istess supplier tal-ewwel wieħed għas-somma ta' mhux aktar minn €2,000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.2.2 Is-Sindku stieden lill-Kuns M Lombardo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu.

Il-Kuns M Lombardo qal li ser jerġa jibda l-kors tal-Malti u l-Ingliż f'Ottubru, fejn dak tal-Malti ser jibda jsir nhar ta' Tnejn u tal-Ingliż ser ikun qed isir nhar ta' Ħamis.

43.2.3 Il-Kuns M Lombardo nforma l-kamra li fir-rigward ta' Jum il-Fgura, ser isir il-kunċert il-Ġimgħa 23 ta'Ottubru 2026, u ċ-ċerimonja ser issir il-Ħadd 25 ta'Ottubru 2026.

Il-Kuns R Deguara nforma lill-Kuns M Lombardo sabiex ma jiġix inkluż f'dan l-avveniment għax ser ikun msiefer.

Il-Kuns M Lombardo kompla jgħid li waqt il-quddiesa tal-Ħadd, imiss li jaqraw parti mill-qari u jtellgħu l-offerti: il-Viċi Sindku D Marmara, il-Kuns I Catania De Giovanni, il-Kuns J Scicluna u l-Kuns M Lombardo. Ġie ndiriżżat il-Kuns I Catania De Giovanni u mistoqsi l-preferenzi tiegħu u kkonferma li jippreferi jaqra.

Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7524/26/9** 'Sabiex isiru ċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Fgura bejn it-Tnejn 19 ta' Ottubru u l-Ħadd 25 ta' Ottubru għal spiża ta' mhux aktar minn €9,000. Il-programm jinkludi attivitajiet flimkien mal-iskejjel Primarji, il-kunċert u ċ-ċerimonja uffiċjali.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.2.4 Is-Sindku ressaq progress ta' ħidma f'isem il-Kuns J Scicluna, sabiex tintgħażel ġurnata biex jingħataw iċ-ċertifikati lill-parteċipanti li attendew il-kors tal-'First Aid', u s-Sindku nforma li lest jilqa' t-talba tagħha u tintagħżel ġurnata li tixtieq.

43.15 STAFF

43.15.1 Is-Sindku nforma l-kamra li waħda mill-'clerks' li hija mpjegata mal-RSSL ma tieħux 'bonus', filwaqt li 'clerks' l-oħra jieħdu dan il-'bonus', għaldaqstant għandha tieħdu wkoll bħas-sena li għaddiet.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7525/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova bonus ta' €500 lil Ruth Simmonds bħala bonus ta' nofs is-sena 2026.'

Din kienet sekondata mill- Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.15.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7526/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jixtri uniformi lill-ħaddiema klerikali ġodda għas-somma ta' mhux aktar minn €3,000.'

Din kienet sekondata mill- Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.16 PURCHASE REQUEST FORM

43.16.1 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7527/26/9** 'Sabiex jigu approvati l-PRFPO għall-laqgha tal-Kunsill ta' Settembru 2026 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok A')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.17 ĦLASIJIET

43.17.1 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7528/26/9** 'Sabiex jigu approvati l-lista tal-ħlasijiet mid-19/08/2026 sa 16/09/2026 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok B')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

43.18 AĠĠORNAMENT

43.18.1 Il-laqgħa ntemmet fit-19:46 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 29 ta' Ottubru, 2026 fis-18:00 hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Diandra Grech
Segretarju Eżekuttiv

Data: 28 ta' Settembru, 2026

Dok A'

PRFPO for CM September 2026				
Purchase Request	Purchase Order	Name	Item	Price Euro
12570	12794	Matthew Farrugia	Christmas party event on 15/12/2026 from 11:15am till 13:30pm. Live entertainment including PA system.	€ 120.00
12571	12795	Sunflower	4 bukketti fjuri (colourful)	€ 60.00
12572	12796	OC Developments	Toilet pump & liver, 2 x window lock handles, 2 x door handles, new sink and vit, clean outside water drain, check the plugs	€ 240.00
12573	12797	Vince Hardware Store	Belisha lights - Triq is-Sur & near Chain Supermarket - 1 x LED lamp E27 daylight 10-15 watts, 1 x ceramic holder E27, 1 x pole bracket 75-90mm, 1 x small junction box ip 67/68, 1 x insulation tape, 1 x floodlight 30 watts daylight	€ 39.60
12574	12798	Raico	Replacement of isolator	€ 141.60
12575	12799	Chris Debono	Jum il-Fgura 2026 - Servizz ta' fotografija l-Gimgha 23/10/2026 - 7:00pm - 10:00pm u l-Hadd 25/10/2026 - 9:00am - 12:00pm	€ 300.00
12576	12800	Vince Hardware Store	Clean Up Day 2026 - 30 x large rubble black bags, 20 x working gloves red, 4 x black nitrile disposable gloves, 2 x first aid kit, 2 x shovels, 2 x zappun & handle, 1 x bin 100ltr, 2 x flat brooms, 2 x nylon brooms, 4 x wood broom sticks, 20 x black bags 50 x 80, 1 x leaf blower	€ 415.52
12577	12801	Vince Hardware Store	Belisha lights - Triq Hompesch - 2 x LED lamp E27 daylight 10-15 watts daylight, 2 x ceramic holder E27, 1 x pole bracket 75-90mm, 1 x small junction box ip 67/68, 1 x insulation tape, 1 x floodlight 30 watts daylight	€ 44.48
12578	12802	Parrovcca Madonna tal-Karmnu, Fgura	Spejjez ta' armar u fjuri ghall-Quddiesa ta' ringrazzjament ta' Jum il-Fgura 2026	€ 250.00
12579	12803	Titan International Ltd	1 Haier Pro Plus series 34000 BTU air conditioner to install at 2nd floor hall - price includes supply, delivery & installation	€ 1,850.00
12580	12804	Agius Stone Works Limited	Progett Art in Common - Qsim tal-ispejjez u budget ghall-istatwa - Regjun Port - Monument fi Pjazza Kunsill tal-Ewropa, Fgura - Supply of stone & machine labour	€ 2,400.00
12581	12805	Amac Ltd	Jum il-Fgura in Pjazza Reggie Miller 25/11/2026 - 2 x EVZX1A, 1 x mixer digital, 2 x senniheser podium mics wireless, 1 x UHF receiver wireless mic hand held, 2 x AT- 90W uni-directional antenna with built-in booster 470-1000Mhz, 1 x Transport, rigging & dismantle	€ 814.20
12582	12806	Michael Attard Ltd	Spare parts, service & accessories for FLC van Citroen Berlingo - ECO 916 - Pollin filter	€ 106.72
12583	12807	Wungaro	CRM Hosting - 1 year from July 2026 till July 2027	€ 472.00
12584	12808	Dstreet Lighting	Temporary supply application form reimburesment for Big Friday on 1/3/26 till 9/4/26 in Hompesch road & Temporary supply application form reimbursement 1/3/26 till 9/4/26 in Zabbar road	€ 66.08
12585	12809	Netsys	Service agreement 24x7 for August 2026	€ 354.00
12586	12810	David Abela	Cherry Picker service for Fgura Feast 2026 decoration - Dismantling 35.50 hours	€ 802.40
12587	12811	Michelle Mifsud	Cleaning services at Fgura Local Council during August 2026	€ 180.00
12588	12812	Vince Hardware Store	1 x Flex trowels, 1 x paint brush 50mm, 1 x waterpaint brush 140x40, 1 x pvc gutter grid 130x500	€ 16.90
12589	12813	Antoine Xerri	Opening and cleaning of public convenience for August 2026	€ 531.00
12590	12814	Ispy	Handover to new Executive Secretary of CCTV systems	€ 35.40
12591	12815	Koptasin	2 x R/m yellow paint, 2 x R/m white paint, 1 x drum thinner, 20 x bolds for bollards	€ 634.25
12592	12816	Ecopure Limited	4 x 18.9 litres of San Michel table water	€ 19.80
12593	12817	Advisory 21	External DPO services for the month of August 2026	€ 295.00
12594	12818	Kummissjoni Festa Esterna	Hlas tal-kirja ghal ingenji tal-festa Fgura 2026 on behalf of Burmarrad Commercials	€ 601.80
12595	12819	Clentec Malta Limited	Cleaning services during the month of July 2026	€ 625.52
12596	12820	John Farrugia Ltd	Santa's Magic House - 10 x marine plywood, 14 x nofisjiet alined, 16x kurrenti	€ 460.80
12597	12821	Mark Camilleri	Maltese Gallarija - 210 cm x 70 cm x 215 cm height, marine plywood 20mm / 12mm, top boarder and window boarders with red deal wood, green colour & installation of 5mm acrylic windows	€ 3,186.00

Kunsill Lokali: IL- FGURA

Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti **Skeda Nru. 43**

Data: 19/08/2026 sa 16/09/2026

	Fornitur	Ammont tal-Invoice	Ammont li ser Jithallas	Metodu*		Deskrizzjoni	Data tal-Invoice	Nru. tal-Invoice	Nru. tal- PR	Nru. Tal- PO	Nru. tan-Nominal Account	Nru. Taċ-Ċekk
1	Lesa	€ 13.98	€ 13.98	D	PF	10% Administration fee for the month of July 2026	07/08/2026	22-020420	nil	nil		DC
2	Agius Stone Works Limited	€ 2,400.00	€ 2,400.00	D	PF	Progett Art in Common - Regjun Port - Qsim tal-ispejjez u budget ghall-istallwa - Monument fil-Pjazza Kunsill tal-Ewropa, Fgura- Supply of stone and machine labour	01/09/2026	2728	12580	12804		DC
3	Lands Authority	€ 320.00	€ 320.00	D	PF	Proprjeta' - E269786 - Kera Kunsill Lokali - Public Convenience, Pjazza Patri Redent Gauci, Fgura - 17/08/2026 - 16/08/2027	01/09/2026	2196537	nil	nil		DC
4	Community Work Scheme Enterprise	€ 7,557.37	€ 7,557.37	D	PF	June 2026 Performance Bonus	06/08/2026	3853	nil	nil		DC
		€ 61.83	€ 61.83			Deane Zammit - Monthly Allowance for August 2026	01/08/2026	3398				
5	Solidbase Laboratory Limited	€ 4,989.40	€ 4,989.40	D	PF	SPI/SCI/3/2020 - Pocket Park Triq is-Sur - 1 x Drilling rig Mobilisation / Demobilistaion, 6.50 x Borehole BH 1 drilling with recovery (6m), 1 x Borehole BH 1 temporary casing, 3 x Borehole BH 1 Unconfined compressive strenght, 6.50 x Borehole BH2 drilling with recovery (7m), 1 x Borehole BH 2 temporary casing, 3 x Borehole BH 2 Unconfined compressive strenght, 6.50 x Borehole BH 3 drilling with recovery (6m), 3 x Borehole BH 3 unconfined compressive strenght, 1 x Drilling water supply (estimated 1 day, 19.50 x Borehole log report, 1 x Ground investigation report, 1 x TM permits & marking of under-laying services	14/09/2026	SAJN/006276	12524	12748		DC
6	Assocjazzjoni Kunsilli Lokali	€ 207.90	€ 207.90	D	PF	Vatican City Visit Flights - 20/10/2026 : Malta to Rome - 22/10/2026 : Rome to Malta	07/09/2026	2026/028	nil	nil		DC
7	Commissioner of Inland Revenue	€ 4,279.70	€ 4,279.70	DA	PF	NI & Tax August 2026	nil	nil	nil	nil		15332
8	Staff Salary	€ 2,498.74	€ 2,498.74	D	PF	Payroll August 2026 and Deputising Allowance	nil	nil	nil	nil		
9	Staff Salary	€ 1,953.67	€ 1,953.67	D	PF	Payroll August 2026	nil	nil	nil	nil		
10	Staff Salary	€ 1,412.69	€ 1,412.69	D	PF	Payroll August 2026	nil	nil	nil	nil		
11	Staff Salary	€ 1,836.50	€ 1,836.50	D	PF	Payroll August 2026	nil	nil	nil	nil		
12	Staff Salary	€ 1,450.16	€ 1,450.16	D	PF	Payroll August 2026	nil	nil	nil	nil		
13	Mayor's Honoraria	€ 1,350.77	€ 1,350.77	D	PF	Onorarja & Allowance August 2026	nil	nil	nil	nil		
14	Councillor	€ 292.67	€ 292.67	D	PF	Allowance August 2026	nil	nil	nil	nil		
15	Councillor	€ 212.33	€ 212.33	D	PF	Allowance August 2026	nil	nil	nil	nil		
16	Councillor	€ 212.33	€ 212.33	D	PF	Allowance August 2026	nil	nil	nil	nil		
17	Councillor	€ 240.33	€ 240.33	D	PF	Allowance August 2026	nil	nil	nil	nil		
18	Councillor	€ 227.33	€ 227.33	D	PF	Allowance August 2026	nil	nil	nil	nil		
19	Councillor	€ 227.33	€ 227.33	D	PF	Allowance August 2026	nil	nil	nil	nil		
20	Councillor	€ 240.33	€ 240.33	D	PF	Allowance August 2026	nil	nil	nil	nil		
21	Councillor	€ 283.33	€ 283.33	D	PF	Allowance August 2026	nil	nil	nil	nil		
22	Petty Cash	€ 36.85	€ 36.85	DA	PF	Reimbursement of Petty Cash August 2026	nil	nil	nil	nil		
	Sub Total c/f	**€ 32,305.54**	**€ 32,305.54**									Letter to Bank
	Total	**€ 32,305.54**	**€ 32,305.54**									

D - Direct Order, DA - Direct Order Approval, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet

PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Approvati fis-Seduta Nru:

Clayton Cascun Portelli
Sindku

Diandra Grech
Segretarju Eżekuttiv

Proponent

Sekondant

Doc B)

Kunsill Lokali: IL- FGURA

Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Skeda Nru. 43

Data: 19/08/2026 sa 16/09/2026

	Forailtur	Ammont tal-Invoice	Ammont li ser Jithallas	Metodu*		Deskrizzjoni	Data tal-Invoice	Nru. tal-Invoice	Nru. tal- PR	Nru. Tal- PO	Nru. tan-Nominal Account	Nru. Taċ-Ċekk
23	Michelle Mifsud	€ 180.00	€ 180.00	D	PF	Cleaning services at FLC during August 2026	02/09/2026	8//26	12587	12811		DC
24	Nexos & Co Ltd	€ 218.30	€ 218.30	D	PF	Rental of follow spot on 10/7/2026 during Fgura feast 2026	03/09/2026	29911	12513	12737		DC
25	Supreme Travel Ltd	€ 1,040.00	€ 1,040.00	D	PF	90 minutes harbour cruise including 1 panina & 1 bottle of water	31/08/2026	TX/27390	12565	12789		DC
26	Datatrak IT Services	€ 40.17	€ 40.17	D	PF	4 Pre Regional Tickets paid between 1/8/26 - 31/8/26	31/08/2026	1016457	nil	nil		DC
27	Antoine Xerri	€ 531.00	€ 531.00	D	PF	Opening & cleaning of Public Convenience for August 2026	31/08/2026	35_2026	12589	12813		DC
		€ 841.73	€ 841.73	T	PF	Driver service for August 2026	31/08/2026	37_2026	nil	nil		
		€ 6,685.69	€ 6,685.69			Street Sweeping by Contract for August 2026		38_2026				
28	Callus Garden Centre	€ 2,831.53	€ 2,831.53	T	PF	Upkeep of gardens & soft areas as per contract - August 2026	31/08/2026	2026-063543	nil	nil		DC
29	Ispy	€ 35.40	€ 35.40	D	PF	Handover to new Executive Secretary of CCTV systems	27/08/2026	Oct-22	12590	12814		DC
30	Avantech Limited	€ 194.26	€ 194.26	D	PF	Copy count for August 2026	26/06/2026	334873	nil	nil		DC
31	Jimmy Muscat	€ 2,062.93	€ 2,062.93	T	PF	Bulky refuse for the month of August 2026	31/07/2026	8//26	nil	nil		DC
32	Marlene Gerada	€ 515.20	€ 515.20	D	PF	Library service for the month of August 2026	31/08/2026	104	nil	nil		DC
33	Adrian Vella	€ 313.60	€ 313.60	D	PF	Library service for the month of August 2026	31/08/2026	104	nil	nil		DC
34	Raico	€ 141.60	€ 141.60	D	PF	Replacement of isolator	24/08/2026	5028	12574	12798		DC
35	Sunflower Florist	€ 60.00	€ 60.00	D	PF	4 x bunch of flowers	25/08/2026	2776	12571	12795		DC
36	Ausonio & Christine Florists	€ 55.00	€ 55.00	D	PF	Bukkett fjuri mal-vara tal-Madonna tal-Kurmnu fil-jiem tal- Festa 2026	19/08/2026	1	12512	12736		DC
37	Ecopure Limited	€ 19.80	€ 19.80	D	PF	4 x 18.9 litres of San Michel table water	19/08/2026	1403478	12592	12816		DC
38	Advisory 21	€ 295.00	€ 295.00	D	PF	External DPO services for the month of August 2026	29/08/2027	2018-11900	12593	12817		DC
39	Kummissjoni Festa Esterna	€ 601.80	€ 601.80	D	PF	Hlas tal-kirja ghal ingenji tal-festa Fgura 2026 on behalf of Burmarrad Commercials Limited	01/09/2026	KFE2026-030	12594	12818		DC
40	Jos Hili & Sons Ltd	€ 219.76	€ 219.76	D	PF	1 x box floor detergant, 2 x boxes WC net, 1 x box sgrassatore, 2 x bags toilet paper, 2 x hand cleaner 1x5 ltrs, 4 x packs black garbage bags, 4 x win cloths 37 x 44cm	10/08/2026	26227382	12561	12785		DC
41	Clentec	€ 625.52	€ 625.52	D	PF	Cleaning service during the month of July 2026	31/07/2026	35844	12595	12819		DC
42	Arms Ltd	€ 3,452.76	€ 3,452.76	D	PF	126/127, Triq Hompesch, Fgura - elec 12/6/26 - 4/8/26 & water 17/5/26 - 15/7/26	17/08/2026	43801642	nil	nil		DC
		€ 44.20	€ 44.20			Roundabout Triq Hompesch, Fgura - elec 17/5/26 - 15/7/26	04/09/2026	43948063				
43	Dstreet Lighting	€ 28.64	€ 28.64	D	PF	Hompesch Rd - Temp Supply App Form Reimbursement for Big Friday on 1/3/2026 till 1/9/2026	01/09/2026	ECR 2026_79	12584	12808		DC
		€ 37.44	€ 37.44			Zabbar Rd - Temp Supply App Form Reimbursement for Big Friday on 1/3/2026 till 1/9/2026		ECR 2026_80				
	Sub Total c/f	€ 21,071.33	€ 21,071.33									
	Sub Total b/f	€ 32,305.54	€ 32,305.54									
	Total	€ 53,376.87	€ 53,376.87									

D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet

PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Approvati fis-Seduta Nru:

Clayton Cascun Portelli
Sindku

Diandra Grech
Segretarju Eżekuttiv

Proponent

Sekondant

Kunsill Lokali: IL- FGURA

Fornitur

Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Skeda Nru. 43

Data: 19/08/2026 sa 16/09/2026

	Fornitur	Ammont tal-Invoice	Ammont li ser Jithallas	Metodu*		Deskrizzjoni	Data tal-Invoice	Nru. tal-Invoice	Nru. tal- PR	Nru. Tal- PO	Nru. tan-Nominal Account	Nru. Taċ-Ċekk
44	OC Developments	€ 240.00	€ 240.00	D	PF	Works at Library Fgura - Toilet pump & liver, 2 window lock handles, 2 door handles, sink vit new, clean the outside water drain, check the plugs	14/08/2026	45	12572	12796		DC
45	Netsys	€ 354.00	€ 354.00	D	PF	Service agreement 24x7 for August 2026	05/09/2026	2304	12585	12809		DC
46	John Farrugia Ltd	€ 460.80	€ 460.80	D	PF	Santa's Magic House - 10 x marine plywood, 14 x nofsijiet aligned, 16 x kurrenti	14/09/2026	180887	12596	12820		DC
47	Vince Hardware Store	€ 415.48	€ 415.48	D	PF	Clean Up Day 2026 - 30 x rubble bags b;ack large, 20 x worling latex gloves, 4 x black nitrile disposabl;e gloves, 2 x first aid kit, 2 x shovels, 2 x zappun & handle, 1x bin with lid, 2 x flat brooms, 2 nylon brooms, 2 x broom wood sticks, 20 x black bags 50x80, 1 x leaf blower battery 20V and charger.	28/08/2026	156698	12576	12800		DC
		€ 39.60	€ 39.60			Belisha lights - zebra crossing in Triq is-Sur near chain supermarket - 1 x LED E27 15W daylight, 1 x ceramic holder W/L bracket, 1 x junction box IP67, 1 x Insulation tape black, 1 x floodlight 30W daylight	28/08/2026	156766	12573	12797		
		€ 44.48	€ 44.48			Belisha lights - zebra crossing in Triq Hompesch - 2 x LED E27 15W daylight, 2 x ceramic holder W/L bracket, 1 x junction box IP67, 1 x Insulation tape black, 1 x floodlight 30W daylight1 x galv pipe clip 80mm - screw	28/08/2026	156765	12577	12801		
		€ 16.90	€ 16.90			1 x flex trowels, 1 x 50mm paint brush, 1 x waterpaint brushe 140 x 40, 1 x pvc gutter grid 130 x 500	10/09/2026	158883	12588	12812		
48	GO PLC	€ 148.44	€ 148.44	D	PF	Rent of landline for September 2026 & consumption for August 2026	01/09/2026	103607738	nil	nil		DC
		€ 312.67	€ 312.67			Rent on CCTV Sim's + Internet September 2026		103604126				
		€ 38.81	€ 38.81			Rent for mobile 79667649 for the month of September 2026		103426755				
		€ 7.53	€ 7.53			Rent for mobile 79035926 & rent for mobile 79664222 for the month of September 2026		103481046				
49	Michael Attard Ltd	€ 106.72	€ 106.72	D	PF	Spare parts, service & accessories for FLC electric van Citroen e-Berrlingo - ECO916 - Pollin Filter	05/09/2026	843274	12582	12806		DC
50	Wungaro	€ 472.00	€ 472.00	D	PF	CRM system Hosting (July 26 - July 27)	25/08/2026	218	12583	12807		DC
51	Francis Service Station	€ 40.00	€ 40.00	D	PF	Diesel for IBL 985	04/09/2026	K082	12568	12792		DC
	Sub Total c/f	**€ 2,697.43**	**€ 2,697.43**									
	Sub Total b/f	**€ 53,376.87**	**€ 53,376.87**									
	Total	**€ 56,074.30**	**€ 56,074.30**									

D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet

PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Approvati fis-Seduta Nru:

Clayton Cascun Portelli
Sindku

Diandra Grech
Segretarju Eżekuttiv

Proponent

Sekondant

(Dok B)